
THE MALTAVERIANS
Episodju 5
TAĦT PRESSJONI

THE MALTAVERIANS

Episodju 5
TAĦT PRESSJONI

Maħluq minn
Robert Caruana (artist) u Martin G. Debattista (awtur)

arthouse
DESIGN STUDIO

Editur
Trevor Sammut

Qari tal-provi
Christopher Giordano

Pubblikatur
Malta Digital Innovation Authority (MDIA)
f'kollaborazzjoni ma' Tech.mt

mdia MALTA DIGITAL INNOVATION AUTHORITY Tech.mt MALTA - LEADING THROUGH INNOVATION

Stampat Malta (UE)
Print It Ltd

ISBN stampat
978-9918-0-2094-2

ISBN PDF (diġitali)
978-9918-0-2095-9

Copyright © 2026 Robert Caruana u Martin G. Debattista

Kull dritt miżmum

L-istorja u l-ismijiet, il-karattri u l-inċidenti kollha li jidhru f'din il-pubblikazzjoni huma fittizji. Kwalunkwe xebh ma' persuni veri (ħajjin jew mejtin) mhuwiex intenzjonat u huwa biss kumbinazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni hija intenzjonata għal udjenza minn 11-il sena 'l fuq.

Ingħatat kull attenzjoni possibbli biex ikun assigurat li l-kontenut kollu ta' dan il-komik ikun korrett u aġġornat sad-data tal-pubblikazzjoni. Il-produzzjoni saret b'reqqa kbira u l-pubblikatur ma jassumi l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe żbalji li setgħu ttieħdu.

Kuntatt
MDIA
Twenty20 Business Centre, Triq l-Intornjatur, Zona 3,
Central Business District, Birkirkara, CBD 3050
Malta

Email: info@mdia.gov.mt
Telefown: +356 2182 8800

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam b'xejn u mhijiex għall-bejgħ.

maltaverians.mt

Il-proġett tal-pubblikazzjoni ta' serje ta' komiks bit-tema tat-teknoloġija tal-innovazzjoni diġitali għandu l-għan li jenfasizza l-importanza li nespandu l-għarfien tal-adolexxenti f'dan il-qasam li qed jevolvi ta' kuljum. Dawn il-komiks huma maħsuba li jitqassmu lill-istudenti li jistudjaw il-Computing u l-IT, biex jissaħħaħ l-għarfien tagħhom tat-teknoloġija l-iktar riċenti u jservuhom ukoll ta' gwida fil-karrieri futuri tagħhom. Din l-istorja hija disponibbli wkoll online b'format diġitali. Permezz tal-viżwal interattiv u l-istejjer infushom il-komiks għandhom iqanqlu l-interess tal-qarrejja żgħażagħ u jgħinuhom jifhmu aħjar il-mezzi teknoloġiċi innovattivi li qed ifasslu d-dinja tal-lum. Barra minn hekk, il-glossarju inkluż fil-pubblikazzjoni għandu jiċċara t-termini u l-kunċetti tat-teknoloġija, sabiex il-materjal ikun iktar aċċessibbli u informattiv.

THE MALTAVERIANS



Isimha veru: Elisa Bonello

Kwalitajiet fil-karattru: Pożittiva, empatika, enerġetika

Kwalitajiet fil-personalità: Fuq tagħha, minn tagħna

Il-laqam fid-dinja virtwali: Bella Bit

It-tifsira tal-laqam: Sabiħa + l-iżgħar qies ta' dejta

In-nazzjonalità: Maltija

L-età: 25

Ix-xogħol: Għalliema tal-Computer Studies fi skola sekondarja

L-ikbar alleati: Jake Spark (ħabib), il-pulizija, ċittadini responsabbli

L-ikbar għedewwa: Kriminali tal-kompjuter (speċjalment il-bullies u l-ħallelin)

Ħiliet speċjali: Il-vista diġitali - tara kif jaħdmu minn ġewwa t-teknoloġiji diġitali, bħall-ebda uman ieħor

Qawwiet speċjali: Vjaġġatriċi prima fir-realtà virtwali, moħħha hemm bħal Sherlock Holmes, ħiliet virtwali fl-arti marzjali, akkanita ħafna għal-logħob tal-kompjuter

Qawwiet oħra: Kapaċi tgħallem lit-tfal b'mod li jieħdu gost



Ismu veru: Jake Spiteri

Kwalitajiet fil-karattru: Intelliġenti, passjonali, leali

Kwalitajiet fil-personalità: Mistħi, riservat

Il-laqam fid-dinja virtwali: Jake Spark

It-tifsira tal-laqam: Jake + moħħ intelliġenti + żgħir imma ħeġġuż

In-nazzjonalità: Maltija

L-età: 24

Ix-xogħol: IT manager f'lukanda lokali

L-ikbar alleati: Elisa Bonello/ Bella Bit, il-pulizija, ċittadini responsabbli, apparat sikur tal-kompjuter

L-ikbar għedewwa: Phishers, hackers, spammers eċċ.

Ħiliet speċjali: Jikkomunika mat-teknoloġija – b'xi mod jidher li teknoloġija li m'għandhiex ħajja tifhem x'għandu bżonn u xi jrid

Qawwiet speċjali: Xejn (bħalissa)

Qawwiet oħra: Jipprogramma s-software bl-ikbar faċilità



Ismu veru: Klein Artificial Intelligence (KAI)


Tip ta' Intelliġenza Artifiċjali: Large Language Model (LLM)

Data tat-tnedija: 1 ta' Ġunju 2023

Sid/programmatur: Klein Hotel – Jake Spiteri

Hosting: Malta

Aċċess: Limitat għal Bella Bit, Jake Spark u Klein Hotel. Iħobb jieħu l-forma ta' kelb.



Ismu veru: Mhux magħruf u qatt ma seta' jkun ivverifikat

Alias: Professur Borgon Phase

Ix-xogħol: Kulma nafu hu li huwa xjentist Malti brillanti

Ħiliet speċjali: Moħħ strateġiku li jikkontrolla żviluppi tekniċi fuq skala kbira inkluża l-munita diġitali Phasecoin

Ħadd ma jaf ħafna aktar dwaru.



Isimha veru: Mhux magħruf

Alias: Morgana Nox

Kwalitajiet fil-karattru: Qarrieqa, astuta, jilħqilha

Kwalitajiet fil-personalità: Eleganti, fitta, ilsienha ħelu

Il-laqam fid-dinja virtwali: Nox

It-tifsira tal-laqam: Lejl

In-nazzjonalità: Mhux magħrufa, probabbilment Ewropea

L-età: Mhux magħrufa, probabbilment f'nofs it-tletinijiet

Ix-xogħol: In-numru tnejn wara l-Prof. Borgon

L-ikbar alleati: Il-Prof. Borgon u l-kompliċi tiegħu

L-ikbar għedewwa: The Maltaverians u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi

Ħiliet speċjali: Billi kienet spija fil-passat, għandha għarfien ta' kif jaħdmu s-servizzi tal-intelliġenza (is-servizzi sigrieti)

Qawwiet speċjali: Tista' tisfrutta d-dinja diġitali għal gwadann reali fid-dinja fiżika

Qawwiet oħra: Tħajjar u ssaħħar b'mod perikoluż lill-irġiel (u forsi wkoll lin-nisa)

Qegħdin f'nofs Jannar u l-kesħa umduża tal-Mediterran tinħass diehla minn ġol-ħitan tal-ġebla tal-franka. Jake fl-aħħar jista' jkollu ftit ħin liberu mix-xogħol wara l-perjodu impenjattiv ħafna tal-Milied fil-lukanda ta' Klein. Barra r-riħ qed jonfoħ qawwi u jheżżeż it-twieqi ta' appartament modest li nbidel f'ċentru ta' kordinament ta' ħidma b'teknoloġija avvanzata.

AAAAAAAAA

RIPEMD160

IVA, DIN GWERRA!!!

NAħLEF LI NSIB U NIKKONFRONTA LIL DAK IX-XJENZAT ħAŻIN, DAK BORGON, FUQ DAK LI GħAMEL LIL ELISA S-SAJF LI GħADDA!

Fuq l-iskrin ewlieni tiegħu hemm dwal iteptpu fuq mappa globali ta' nodi tal-fibra ottika. Qed jagħmel test dijanjostiku msejjaħ "ghost-ping" – isegwi pakketti ta' data li suppost ma jeżistux u juża forom tal-analiżi tat-traffiku bl-intelliġenza artifiċjali biex isib is-sors veru tagħhom.


Map: © TeleGeography submarinecablemap.com CC BY-SA 4.0


QBADTEK!


SIBTEK, JA KODARD! QED TINħEBA QALB ID-DATA.

QED JAQBAD SINJAL LI ĠIE DDEVJAT U LI ĠEJ MINN PUNT TAT-TRAŻMISSJONI TAD-DARK WEB FL-IŻVIZZERA...

IMMA L-INTESTATURA LI TINDIKA L-ORIĠINI VERA HI MOħBIJA WARA PROXY BI TLIET SAFFI.


KRIPTAĠĠ BI TLIET SAFFI?
Client
Server
Oms
50ms
Hello
Hello
Key exchange, Change cipher spec, Finished
Hello, Key share
DIK IL-FIRMA DIĠITALI TA' BORGON.
KEMM HU PARANOJKU!
JAHSEB LI QED IŻOMM FIL-WIĊĊ QABEL IS-SHAB, IMMA KULL PAKKETT TA' DATA SE JASAL XI MKIEN BILFORS.


HAW', KAI, INT SINKRONIZZAT?
GHANDI BŻONNOK TAGHMEL TRIANGOLAZZJONI TAL-LATENCY FUQ IN-NETWORK EWLIENI TAL-ATLANTIKU TAN-NOFSINHAR.
ISSA!
IVA, JAKE, JIEN SINKRONIZZAT. IMMA RRID INWISSIK LI L-LIVELLI TAL-KORTIŻOL TIEGHEK HUMA GHOLJIN F'LIVELLI PERIKOLUŻI. IL-PROTOKOLL TAL-MALTAVERIANS...
GHALHEKK HARRIĠTEK JIEN, BIEX INSIBEK F'GHAJNI?
TAJJEB, AQBEŻ IL-PROTOKOLL TAS-SIGURTÀ. MA NISTRIEHX QABEL IRRESSAQ LIL DAK IL-PSIKOPATIKU QUDDIEM IL-ĠUSTIZZJA.
ISSA ARA L-HIN TAL-PING: 72 MILLISEKONDA MILL-PUNT TAL-KONNESSJONI TA' MONTEVIDEO. MGHAĠĠEL WISQ GHAL STAZZJON TAT-TRAŻMISSJONI FUQ L-ART. U JINSAB 'IL BARRA MIX-XATT.


Jiżżumja fuq il-mappa tal-estwarju tar-Río de la Plata (li tfisser "xmara tal-fidda"). Il-mappa tinbidel biex turi l-fond tal-baħar. U tibda tteptep tikka ħamra żgħira mhux 'il bogħod mix-xatt..
EMM... EJJA NIVVERIFIKAW IL-KOORDINATI!
SERVER FIL-BAHAR?
JISTA' JKUN. L-ILMA IDEALI BIEX IBERRED IL-MAGNI.
X'WARDA DIN!
DAWN FDALIJIET TA' BASTIMENT TAL-GWERRA!
Belo Horizonte
Rio de Janeiro
São Paulo
Curitiba
Porto Alegre
Durazno
URUGUAY
MONTEVIDEO
La Plata
Bahía Blanca
Comodoro Rivadavia
Bahía Grande
Falkland Islands (to UK)
Argentine Basin
OCEAN
PARAGUAY
BRAZIL
BOLIVIA
PERU
ARGENTINA

Jake għadu kemm skopra li s-sit huwa l-fdalijiet tal-bastiment tal-gwerra Ġermaniż *Graf Spee*, magħruf bħala "pocket battleship", mit-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-kaptan tiegħu stess kien għarraq il-bastiment apposta wara battalja qasira ma' skwadra tar-Royal Navy Brittanika f'Diċembru tal-1939. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu f'ilma baxx, madwar 11-il kilometru 'l barra minn Montevideo, fil-bokka tax-Xmara Río de la Plata. Huwa wkoll pjuttost qrib Buenos Aires, il-belt kapitali tal-Arġentina, fuq in-naħa l-oħra tal-bokka tax-xmara.

IL-MAPPA TERMALI TAŻ-ŻONA HIJA IRREGOLARI MINĦABBA S-SEDIMENT.

IKUN POST IDEALI BIEX INEMMU S-SĦANA ĠĠENERATA MINN ĊENTRU B'ĠĦADD KBIR TA' SERVERS.

QED JUŻA X-XMARA BĦALA RADJATUR.

ĠĦALHEKK MA STAJNIEX INSIBUH. IS-SĦANA LI QED JARMU L-KOMPJUTERS TITĦALLAT MAL-KURRENT NATURALI.

IMMA NESA ĦAĠA WĦADA...

XIEX?

LI MA NAFX NOĠĦDOS, IMMA NISTA' NITĠĦALLEM MALAJR!

KAI, FITTIXLI XI TITJIRA LEJN MONTEVIDEO. UŻA L-IDENTITÀ FALZA "MALTA-DIVER". MALLI NASAL HEMM SE JKOLLI BŻONN TAĠĦMIR KOMPLUT TAL-ĠĦADIS U SPEAR GUN LI JKUN KAPAĊI JĠORR RAS LI TEMETTI IMPULS ELETTROMANJETIKU.

ĠEJ ĠĦALIK, BORGON...

IBŻA' MINNI!


Madankollu, qabel imur jispezzjona l-fdalijiet tal-bastiment irid jikseb il-liċenzja ta' għaddas. X'avventura, li jitgħallem jogħdos fix-xitwa! Imma lest jagħmel dan is-sagrifiċċju u aktar minn hekk.


BĦALA L-ĦALLIEMA TIEGĦEK NASSIGURAK LI QED TISFORZA ŻŻEJJED, JAKE.
IT-TEMPERATURA TAL-ILMA FIL-WIĊĊ HIJA TLETTAX-IL GRAD. SE TIBDA TBATI MILL-IPOTERMJA QABEL MA TASAL FIL-QIEGĦ.
MELA JKOLLI NGĦALLEM LIL ĠISMI KIF JIBQA' ĦAJJ.



ĦALIEX DIN L-ĦAĠLA KOLLHA?
ĦALIEX XMARA FL-AMERKA T'ISFEL?
IR-RÍO DE LA PLATA MHIX BĦAL ĦAWN.
DIĠÀ ĦEDTLEK...
ŻOMM IL-MASKRA U L-VALV TAN-NIFS QABEL MA TIDĦOL FL-ILMA!!!
DAWN MIŻURI TAS-SIGURTÀ!



ĦEMMĦEKK L-ILMA KANNELLA SKUR ĦAX MAMMUĠ BIL-ĦAMA...
M'INT ĦA TARA XEJN.
M'ĦANDIX BŻONN NARA. BIŻŻEJJED INĦOSS CABLE.
EJJA NOĦADSU ISSA.

Taħt l-ilma d-dinja tidher differenti u siekta; jinstema' biss il-ħoss tal-bżieżaq li joħorġu mir-regolaturi tan-nifs.



Jake joħroġ tablet mill-but tal-ġakketta BCD tiegħu u jipprova jissimula kif jista' jaqbeż sistema ta' serratura b'tastiera numerika.





Fil-fatt Jake għandu pjan brillanti. Filwaqt li Malta tkun fl-eqqel tax-xitwa, fl-Amerka t'Isfel ikun is-sajf f'dan iż-żmien tas-sena. Għalhekk kien mgħaġġel biex jikseb il-liċenzja tal-għadis. U jirnexxilu jġibha! Kisba oħra għal Jake.

Wara diversi għadsiet ta' taħriġ u wara li kiseb il-liċenzja tal-għadis, il-vjaġġ twil minn Malta sa Montevideo għadda b'wiċċ il-ġid. Jake kien jaf li kien waħdu, bl-unika għajnuna tal-intelliġenza artifiċjali fil-forma ta' KAI. Imma kien iddeċieda li ma setax jerġa' jirriskja ħajjet Elisa. Issa kienet saret ġlieda personali bejnu u Borgon. Madankollu fil-fond ta' qalbu ħass li xi ħaġa ma kinitx sew. Il-Maltaverians dejjem ħadmu bħala tim u dejjem irnexxielhom iwettqu l-missjonijiet tagħhom.

Fl-aħħar waslet il-ġurnata meta kellu jiċċekkja l-ilmijiet. L-informazzjoni li kien kiseb kienet preċiża. Il-baħar kannella u l-viżibbiltà żgur se tkun ħażina ħafna. Imma għall-inqas it-temp sabiħ u sħun. Jake jiżgura ruħu li għandu miegħu dak kollu li jeħtieġ, speċjalment il-libsa tal-għadis, li taħbih mis-sensuri tal-infrared, u l-mantell termali biex ma jinqabadx mis-sensuri tas-sħana. Imbagħad jitlaq fuq dgħajsa żgħira lejn is-sit tal-fdalijiet.

Ftit wara jasal fil-koordinati, jilbes it-tagħmir tal-għadis u jqiegħed bagi kkuluriti fil-baħar biex jindika li hemm għaddas taħt l-ilma.

KAI, GĦANDEK L-IMMAĠNI TAS-SATELLITA FUQ IL-MAPPA?

Lokazzjoni IDENTIFIKATA. Il-FDAL TAL-*GRAF SPEE* ĠIE KKONFERMAT TLETIN METRU EŻATT TAĦTEK.

QED NARA XI ĦAĠA!!!

DIFFERENTI GĦALKOLLOX MILL-ILMIJIET ĊARI KRISTALL U BLU TAL-MADWAR.

IMMA M'INIEX HAWN GĦALL-GOST.

GĦANDI MISSJONI XI NWETTAQ. ŻGUR HEMM XI ĦAĠA ABBORD DAWN IL-FDALIJIET... U RRID INSIBHA.

DAWK ID-DWAL LI ĦERĠIN MIT-TWIEQI TONDI TAL-BASTIMENT MHUX SUPPOST QEGĦDIN ĦEMM!

EMM...

JIDHRU QISHOM DWAL LEDS ŻGĦAR ĦODOR U ORANĠJO TA' SERVERS TAL-KOMPJUTERS.

DAK BIDDEL IL-KMAMAR TAL-MUNIZZJON FIL-BASTIMENT F'ĊENTRU TAS-SERVERS.

MUDLAM, MISTERJUŻ U IPNOTIZZANTI...

FHIMTEK.

BILFORS IMQABBAD MAL-KONTINENT.

Jake kompla nieżel, janalizza kull metru b'kawtela. Imbagħad ra ħiereġ minn waħda mit-twieqi tondi mhux dawl, iżda cable oħxon iswed li kien imqiegħed fuq qiegħ il-baħar mimli ħama.

SIBT IL-CABLE EWLIENI LI JGĦAQQADHOM.

DAN IL-CABLE JWASSAL SAL-ART. QED JIEMU L-ELETTRIKU DIRETTAMENT MIS-SISTEMA TA' MONTEVIDEO.

HEMM CABLE IEĦOR. ŻGUR IL-CABLE FIBER-OPTIC GĦAD-DATA.


STENNA...

ATTENT, JAKE. QED NARA S-SENSURI. KUN ŻGUR LI L-MANTELL TERMALI HUWA ATTIVAT.

TINKWETAX, NAF X'GĦANDI NAGĦMEL.

DIN SKOPERTA IMPORTANTI. ĦASRA LI RRID NERĠA' NITLA' FIL-WIĊĊ.


SE NIBGĦAT DRONE TAĦT L-ILMA BIEX JOSSERVA S-SIT U JIRRAPPORTA KULL ATTIVITÀ SUSPETTUŻA.



Jinduna b'għaddas mgħotti b'teknoloġija li taħbih mill-infrared dieħel fil-bastiment minn bieba miftuħa, iżda ftit sekondi wara joħorġu żewġ għaddasa. Kollha għandhom l-istess tip ta' tagħmir, qishom parti mill-istess tim li qed jagħmel xogħol ta' rutina. Dan ġara filgħodu u ma kien hemm ebda attività oħra fil-bajja tal-ġurnata.




Id-drone sab kamra tal-arja li tista' sservi bħala daħla għall-fdalijiet, u li tista' twassal għall-kamra tas-servers li kien innota. KAI jfassal ir-rotta possibbli lejn dik il-kamra.





L-għada waranofsinhar Jake jerġa' jmur fis-sit tal-fdalijiet, u billi jsegwi l-indikazzjonijiet ta' KAI jitla' f'għadira żgħira interna li sservi ta' kamra tal-arja. Jaqla' l-maskra minn wiċċu u jieħu nifsijiet qawwija.
KAI, QED TISMAGĦNI?
QIEGĦED FIŻ-ŻONA TA' TRANŻIZZJONI. IL-PRESSJONI HIJA TA' ERBA' ATMOSFERI.
Jake jgħaddi skener żgħir fuq tastiera moderna u eleganti mwaħħla fil-ħadid imsaddad.
SENSURI BIJOMETRIĊI U TA' KAPAĊITÀ GĦOLJA. QED JUŻA ĊAVETTA TAL-KRIPTAĠĠ LI TINBIDEL KONTINWAMENT. KAI, GĦANDI BŻONN IL-KODIĊI BIEX NAQBEŻ IS-SISTEMA.
QED NIKKALKULA... IPPROVA B-6-7-4-6-N.
TU TU TU
OPEN SESAME!
ACCESS GRANTED



INKREDIBBLI...
QISNI DĦALT F'TEMPJU TAD-DATA.
IS-SERVERS QED IŻANŻNU MADWARI QISHOM MOĦĦ ĠGANTESK U ĦAJ.
FLUSSI TA' DAWL IKĦAL ITEPTPU FIL-PAJPIJIET QISHOM DEMM ĠĦADDEJ ĠOL-VINI.
U FUQ KOLLOX... T-TAĦBITA TAL-QALB FINANZJARJA TAD-DINJA KOLLHA. QATT MA RAJT XI ĦAĠA BĦAL DIN.
ILLALLU, KAI! DAN MHUX SEMPLIĊIMENT QED IĦADDEM BOTNET. QED JISSIMULA XI ĦAĠA.
EMP 20:00 Activated
KAI, ĠĦADNI KEMM ATTIVAJT IL-ĠENERATUR TAL-EMP. SE NAĦBIH F'DIN IL-KAMRA TAS-SERVERS!


QED NOĦROĠ ID-DIRETTORJI EWLENIN TAS-SISTEMA.
JIDHER LI HU MARBUT MA' NEGOZJU TAL-KRIPTOMUNITI.
FIL-FATT DAN IL-PROĠETT HUWA OPERAZZJONI BL-ISEM SIGRIET "OPERAZZJONI ABRAKADABRA".
TK TKTK
TK TK TK
NAFUH SEW LIL BORGON. DIN ŻGUR XI ATTIVITÀ KRIMINALI MARBUTA MAL-KRIPTOMUNITI.
GĦANDEK RAĠUN, JAKE. MHUX BISS DWAR IL-KRIPTOMUNITA PHASECOIN TIEGĦU. DIN XI ĦAĠA FUQ SKALA GLOBALI.
QED NINNOTA ATTENTATI BIEX JISRAQ IL-FLUS MINN KARTIERI DIĠITALI TAL-KRIPTOMUNITI, ATTIVITÀ FI SWIEQ TAD-DARKNET U MEWĠIET TA' ATTAKKI BIR-RANSOMWARE.
MAGNA ĠGANTESKA GĦALL-ĦASIL TAL-FLUS LI JKUNU NKISBU MINN ATTIVITÀ ILLEGALI.
LANNY'S HOTEL
U DAN KOLLU GĦANDU FIL-MIRA TIEGĦU NIES INNOĊENTI LI JINNEGOZJAW FIL-KRIPTOMUNITI MADWAR ID-DINJA. DIN XI ĦAĠA ENORMI. U MĦIX SIMULAZZJONI IMMA QED TIĠRI TASSEW...
ARA DAN!
JAKE!
JAKE!
MINN DEJJEM ILU JOSSERVANA.
XEJN ĠDID.
QED JOSSERVANA.
IMMA ISSA L-OPERAZZJONI ABRAKADABRA HIJA L-PRIJORITÀ EWLENIJA! KAI, AGĦMEL KOPJA TAD-DATA U ŻOMM KULMA TISTA'.
NANALIZZAW KOLLOX BIR-REQQA AKTAR TARD FIL-LUKANDA.



IN-NUMRU TA' KMAMAR TAD-DATA HUWA BLA QIES!
U X'FIHA B'DAQSHEKK?
SERVER ROOM 1
SERVER ROOM 2



BORGON!
QUM BILWIEQFA...
WASAL IL-MUMENT LI NAGĦMLU L-KONTIJIET.
NAFU BL-ABRAKADABRA TIEGĦEK!
TRID THALLAS GĦAL DAK LI GĦAMILT LIL ĦABIBTI S-SAJF LI GĦADDA.
IT-TMIEM TIEGĦEK WASAL.



ĠIB RUĦEK SEW, ŻAGĦŻUGĦ.
ĦAWNHEKK ĠĦANDNA ĊERTI STANDARDS TA' MĠIBA.
JIXRAQ LI NINTRODUĊU RUĦNA, SUR SPARK.
JIENA MORGANA NOX...
ĠĦANDI PJAĊIR.
IKKUNSIDRANI VERŻJONI AKTAR RAFFINATA TA' BELLA BIT, IMMA MINĦAJR IR-RESTRIZZJONIJIET TA' KODIĊI MORALI.
BORGON, SIDI, ĦUWA ARKITETT STRAORDINARJU...
IMMA KULL ARKITETT ĠĦANDU BŻONN PERSUNA TA' FIDUĊJA LI JOQGĦOD FUQĦA.
ĠĦALHEKK QIEGĦDA ĦAWN JIEN!



SAQSEJTEK MISTOQSIJA...
FEJN HU?
DAWN L-INTERRUZZJONIJIET GOFFI MHUX BISS NANTIĊIPAWHOM, IMMA NIEĦDU PJAĊIR BIHOM.
DALWAQT TINTEBAĦ LI AĦNA LESTI SEW BIEX INWAQQFU DAN L-INDAĦIL TIEGĦEK, LI ĦADD M'GĦANDU APTITU.
QED NINNOTA LI M'INTIX MAL-ĦABIBA KBIRA TIEGĦEK ELISA...
ĦASRA, GĦAX MHIX SE TKUN TISTA' TAQSAM MIEGĦEK L-ESPERJENZA LI DAQT SE TGĦADDI MINNHA INT.
GĦID LIL SIDEK IĦALLI LILL-MALTAVERIANS BI KWIETHOM.
INKELLA SE...
GRRR KLIKK!
Jinfetħu emittenti ultrasoniċi mwaħħlin mal-ħitan.
VWOOOOOW...
VWOOOOOW...
VWOOOOOW...



Impuls ta' ħoss li ma jinstemax, bi frekwenza ogħla minn 20 kHz, jiġi sparat fid-direzzjoni ta' Jake.
AAAAAAAA
VWOOOOOW...
VWOOOOOW...
VWOOOOOW...
AAAAAAA
AAAAAAAAA
IL-WIDNA TA' ĠEWWA HIJA BIĊĊA TAGĦMIR DAQSTANT DELIKATA.
SELLILI GĦAL ELISA.
NITTAMA LI NILTAQA' MAGĦHA MA NDUMX, JEKK JIRNEXXILHA SSIB BIŻŻEJJED KURAĠĠ BIEX TIFFAĊĊJANI.


VRRR-WEEEEEE!
WOOOOOOOOSH!
ELISA...
EEE!?
FSSSSSS!
FSSSSSS!
UUGGHH...



DAK X'KIEN?
EJJA NAHARBU MINN HAWN!
PLAAXX
TUTT!
EMP 00:02 Activated
TUTT!
EMP 00:01 Activated
BZZZ!
EMP 00:00 Discharging
RRZZZ!
SAKEMM NERĠGĦU NILTAQGĦU!


Jake reġa' lura l-lukanda f'Montevideo. KAI kien impenjat janalizza d-data miġbura miċ-ċentru tad-data fil-fdalijiet tal-bastiment. Jake ma jtellfux. Ras Jake kienet tuġġħu ħafna, imma dan ma kienx l-uniku wġigħ ta' ras tiegħu. Kien għamel skoperta mill-aqwa. Imma kif kien se jispjega lil Elisa dak kollu li għadda minnu?
HAW', ELISA, GRAZZI LI RRISPONDEJT IT-TELEFONATA.
KELLI BŻONN INKELLMEK B'URĠENZA.
HAW', SPARK!
MA TANTX TIDHER TAJJEB.
HEMM X'GĦANDEK F'RASEK?
ĦBATT MA' XI XKAFFA TAS-SERVERS JEW XIEX?
LE, DIK... AĦĦ!
AĦĦ, RASI...
ĦUDHA BIL-MOD, GĦADNI KEMM WASALT ID-DAR MILL-ISKOLA U M'GĦANDIX GĦAĠLA.
NICOLE SE TGĦADDI GĦANDI, IMMA AKTAR TARD ILLEJLA.
MELA GĦIDLI, X'ĠARA?
M'INTIX L-UFFIĊĊJU U LANQAS ID-DAR...
LE, QIEGĦED MONTEVIDEO!


MONTE XIEX?
IL-BELT KAPITALI TAL-URUGWAJ FL-AMERKA T'ISFEL.
MELA MORT VAGANZA HEMM MINGHAJR MA GHEDTLI U ARA XI ĠRALEK!
MHIX VAGANZA. IRNEXXIELI NSIB FEJN QIEGHED BORGON HAWN, JEW AHJAR FTIT KILOMETRI MINN HAWN, FIL-FDALIJIET TA' BASTIMENT 'IL BARRA MILL-BOKKA TAX-XMARA LI TGHADDI HDEJN IL-BELT.
JAAAAAAKE! MA NISTAX NEMMNEK!
MA NISTAX NEMMEN LI NŻILT HEMM U FFAĊĊJAJTU WAHDEK!
MINGHAJR!
DIN TAL-MISTHIJA!
SKUŻANI, ELISA. KELLI KOLLOX IPPJANAT.
RIDT INPATTIHIELU GHAL DAK LI GHAMILLEK IS-SAJF LI GHADDA.
JIEN...
AHA...
IEQAF HEMM!
NAHSEB GHAFFIĠTHA. HA NGHIDLEK, TA...
MINN BANDA HAQQEK TA' LI GHAMILT, GHAX MORT WAHDEK. FEJN MARRU L-"MALTAVERIANS" U DAK IL-KLIEM LI AHNA TIM MILL-AQWA, BLA BLA BLA? KOLLU GIDEB?!
KELLI LIL KAI MIEGHI. ISSA QIEGHED IMPENJAT JANALIZZA TERABYTES TA' DATA MIS-SERVERS TA' BORGON. IL-MISSJONI TIEGHI MA KINITX FALLIMENT TOTALI.
IVA, U JIDDISPJAĊINI HAFNA TA' DAK LI GHAMILT. IMMA KONT NAF LI KONT GHADEK MHUX LESTA GHAL MISSJONI PERIKOLUŻA.
ILLALLU... IRRISKJAJT HAJTEK. STAJT TISPIĊĊA MAQTUL!
QED TGHID IL-AMERIJIET! AQTAGHHA!...
TAJJEB, META TIĠI LURA MALTA NAGHTIK ĊAMATA KIF JIXRAQ. NITTAMA LI MA NDUMX.





Jake jirrakkonta l-istorja kollha, mill-iskoperta tan-nodu tad-data taħt l-ilma sal-fdalijiet tal-bastiment, it-taħriġ fl-għadis, il-vjaġġ lejn Montevideo, il-ġbir tad-data, l-Operazzjoni Abrakadabra u l-konfront ma' Morgana Nox fil-bastiment.


DIN PROPJA MISSJONI TA' 007!
IMMA INT M'INTIX JAMES BOND!
M'GĦANDEK EBDA LIĊENZJA BIEX TINQATEL!
U MIN HI DIK IT-TFAJLA TA' BOND? MORGANA?
IVA, JIDHER LI GĦANDNA GĦADU ĠDID.
TIDHER RAFFINATA, KUNFIDENTI U PERIKOLUŻA! NISSUĠĠERIXXI LI NISTENNEW L-ANALIŻI SAĦĦA TA' KAI QABEL MA NIPPJANAW IL-PASS LI JMISS.
NASSIGURAK LI DIN KIENET L-EWWEL U L-AĦĦAR DARBA LI MEMBRU TAL-MALTAVERIANS GĦAMEL XI ĦAĠA MINN WARA DAĦAR IT-TIM.
EJJA, MALTAVERVIANS, EJJA!
JAQBILLEK IŻŻOMM MA' DAK LI WEGĦEDT! PERMEZZ TAL-HEADSET TIEGĦEK NISTA' NATTIVA LIL BELLA BIT U NGĦINEK MINN KULLIMKIEN FID-DINJA.
ISSA MUR, IMMA ARA LI ĠĠIB RUĦEK SEW!


Iquique
Antofagasta
Salta
San Miguel de Tucuman
PARAGUAY
ASUNCION
Formosa
Gran Chaco
Porto Alegre
Cerro Aconcagua 6959m
Cordoba
Rosario
Mendoza
BUENOS AIRES
La Plata
Durazno
URUGUAY
MONTEVIDEO
Pampas
ARGENTINA
Bahia Blanca
KAI għamel analiżi eċċellenti tad-data miġbura mis-servers ta' Borgon. L-informazzjoni tindika nodu ieħor, importanti, mhux wisq 'il bogħod, fi Buenos Aires. Żgur li dik se tkun il-waqfa li jmiss għall-Maltaverians: Bella Bit, Jake u KAI, it-tlieta li huma!


Borgon kellu jabbanduna ċ-ċentru tad-data tiegħu taħt l-ilma. Is-sigurtà tiegħu kienet ġiet kompromessa. Il-miżuri difensivi ma kinux biżżejjed u lanqas kienu reżistenti għall-EMP.


Bagħat l-għaddasa biex jitfu u jwaqqfu kollox, imma ma setax jeqred it-tagħmir u l-bastiment. Ma riedx jiġbed l-attenzjoni tan-nies tal-post lejn l-operazzjoni tiegħu.


Buenos Aires ma kinitx sempliċiment nodu ieħor fin-network ta' Borgon. Kienet il-bażi ewlenija tiegħu. Kien ċert li l-Maltaverians ma kinux se jdumu ma jippruvaw jinfiltraw il-bażi u jisfidawh hemmhekk. L-Operazzjoni Abrakadabra kienet diġà qed iddaħħallu ammont kbir ta' flus. Seta' jsaħħaħ id-difiżi fiżiċi u diġitali tal-bażi tiegħu, kunfidenti li l-Maltaverians ma kinux se jlaħħqu ma' moħħu u li Morgana Nox kienet se tkun maġenbu.
Madankollu, f'network tat-tip mesh, li titlef nodu wieħed mhuwiex l-aħħar tad-dinja...
IKOMPLI...

GLOSSARY OF TECHNICAL TERMS

TERM	DEFINITION
COMMUNICATIONS AND NETWORKING	
Fibre-optic cable	A cable that transmits information as pulses of light through thin strands of glass or plastic. It carries large amounts of data quickly over long distances, including underwater.
Mesh(ed) network	A network in which devices or nodes can forward data through neighbouring nodes, allowing alternative paths if a connection fails.
Network backbone	The high-capacity infrastructure connecting major parts of a network and carrying large volumes of traffic.
Network latency	The delay between sending information across a network and receiving a response. Lower latency generally means more responsive communication.
Relay	A device or system that receives a signal and forwards it to another location, extending the reach of a network.
Satellite communication	The transmission of information between locations using satellites orbiting Earth, including places beyond conventional wired network coverage.
Seabone network	A term describing an underwater communications backbone linking distant networks through subsea cables. It is not a standardised technical name.
Server	A computer or software system that provides data, applications or services to other computers on a network.
Server farm	A collection of interconnected servers working together to process, store or distribute large amounts of information.
TCP/IP (Transmission Control Protocol/ Internet Protocol)	The core communication protocol suite of the internet. IP addresses and routes data; TCP helps deliver it reliably.
Triangulation	A method of estimating a position from multiple reference points. Related radio-positioning methods use signal direction, timing or distance.

CYBERSECURITY AND DATA PROTECTION

Biometric authentication	Verifying someone's identity through a physical or behavioural characteristic, such as a fingerprint or face.
Capacitive sensor	An electronic sensor that detects changes in electrical capacitance, as used in touchscreens and some fingerprint readers.
Data breach	An incident where protected or confidential data is accessed, exposed or stolen without authorisation.
Data dump	A large collection of information copied or exported from a system for transfer, storage or analysis.
Digital footprint	The traces of information left by online activity, such as account use, browsing and transactions.
Encryption	Converting readable information into an encoded form that requires the correct key to recover.
Nmap (Network Mapper)	A network discovery and security auditing tool used to identify hosts, open ports and services on a network. It is widely used by administrators and security professionals.
Override code	A code that enables an authorised person or system to bypass or modify normal access controls.
Proxy server	An intermediary that forwards network requests on another device's behalf, often for privacy, filtering, security or management.
S/MIME (Secure/ Multipurpose Internet Mail Extensions)	A standard for securing email communications using encryption and digital signatures. It provides message confidentiality, sender authentication, and data integrity through digital certificates.
Security protocol	A set of technical rules or procedures for protecting systems, information or communications.
TLS (Transport Layer Security)	A security protocol that protects data moving across networks through encryption and authentication, commonly used by secure websites.
Triple-wrapped encryption	A cryptographic technique in which data is digitally signed, encrypted, and signed again, providing confidentiality, authentication, and integrity. Commonly associated with S/MIME secure messaging.

GLOSSARY OF TECHNICAL TERMS

TERM	DEFINITION
UNDERWATER TECHNOLOGY AND ELECTRONIC SYSTEMS	
Bathymetric mapping	The measurement and mapping of water depths and seabed features, much like topographic mapping on land.
BCD (Buoyancy Control Device)	Inflatable scuba equipment that helps a diver control buoyancy and maintain depth.
Decompression	The controlled reduction of pressure during a dive ascent to limit risks from dissolved gas forming bubbles in the body.
Dive computer	A device that tracks depth, time and other diving information to help manage ascent and decompression risks.
EMP (Electromagnetic Pulse)	A brief burst of electromagnetic energy that can disrupt or damage electronic equipment.
EMP-resistant equipment	Electronics designed with shielding or other protections to reduce disruption or damage from electromagnetic pulses.
Radiological signature	A detectable pattern of ionising radiation that can help identify radioactive materials or sources.
Thermal cloaking	Techniques intended to conceal or reduce the heat signature detectable by thermal imaging equipment.
Thermal signature	The heat pattern emitted by an object or person, detectable using thermal sensors.
Thermal venting	The controlled release or transfer of heat from equipment or enclosed spaces to prevent overheating.
Umbilical cable	A connection to a diver or underwater vehicle that can carry communications, power or breathing gas.
Underwater drone (ROV)	A remotely operated underwater vehicle, typically equipped with cameras and sensors for inspection or exploration.

CRYPTOCURRENCY AND CYBERCRIME

Blockchain	A shared digital ledger whose records are organised into cryptographically linked blocks that are difficult to alter unnoticed.
Cryptocurrency	A digital asset secured using cryptography, often maintained on a decentralised blockchain network.
Cryptocurrency trading	Buying, selling or exchanging cryptocurrencies on online platforms or directly between users.
Cryptocurrency wallet	Software or hardware that manages the cryptographic keys used to access digital assets and authorise transactions.
Cybercrime	Criminal activity involving digital systems or networks, including hacking, fraud, data theft and ransomware attacks.
Darknet market	A marketplace accessible through anonymity-oriented networks, sometimes used for illegal goods or services.
Money laundering	Disguising the criminal origin of funds to make them appear legitimate, sometimes using digital assets.
Ransomware	Malware that locks systems or encrypts files, commonly demanding payment for restoration or to prevent publication of stolen data.

Episodju 1
Episode 1



Episodju 2
Episode 2







Episodju 3
Episode 3

Episodju 4
Episode 4

mdia MALTA DIGITAL INNOVATION AUTHORITY
Tech.mt MALTA - LEADING THROUGH INNOVATIO

GET YOUR PRINTED COPIES FROM MDIA NOW!!!

This issue
Episodju 5
Episode 5

